



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 60/25

Il-Lussemburgu, 14 ta' Mejju 2025

Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-36/23 | Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni

Aċċess għal dokumenti: id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta lil ġurnalista tan-New York Times l-aċċess għall-messaġġi testwali mibgħuta bejn il-Presidenta von der Leyen u l-President-Direttur Ġenerali ta' Pfizer hija annullata

Permezz ta' talba bbażata fuq ir-Regolament dwar l-aċċess għal dokumenti ¹, Matina Stevi, ġurnalista li taħdem għall-gazzetta ta' kuljum The New York Times, talbet lill-Kummissjoni Ewropea tagħtiha aċċess għall-messaġġi testwali kollha mibgħuta bejn il-Presidenta Ursula von der Leyen u Albert Bourla, President Direttur Ġenerali ta' Pfizer, bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-11 ta' Mejju 2022. Il-Kummissjoni ċaħdet it-talba tagħha minħabba li hija ma kellhiex id-dokumenti mitluba minnha. M. Stevi u The New York Times talbu lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Fis-sentenza tagħha, **il-Qorti Ġenerali tilqa' r-rikors u tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni.**

Il-Qorti Ġenerali tfakkar li r-regolament dwar l-aċċess għal dokumenti huwa intiż li jagħti l-ikbar effett possibbli lid-dritt ta' aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet. Għaldaqstant, bħala regola ġenerali, id-dokumenti kollha tal-istituzzjonijiet għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku. Madankollu, meta istituzzjoni ssostni, b'risposta għal talba għal aċċess, li dokument ma jeżistix, in-nuqqas ta' eżistenza tad-dokument hija preżunta, b'konformità mal-preżunzjoni ta' veraċità marbuta ma' din id-dikjarazzjoni. Din il-preżunzjoni tista' madankollu tiġi kkonfutata abbażi ta' elementi rilevanti u konkordanti pprovduti minn min jagħmel it-talba.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tosserva li r-risposti tal-Kummissjoni dwar il-messaġġi testwali mitluba matul il-proċedura kollha huma bbażati jew fuq ipoteżi, jew fuq informazzjoni li tinbidel jew impreċiża. Għall-kuntrarju, M. Stevi u *The New York Times* ipprovdew elementi rilevanti u konkordanti li jiddeskrivu l-eżistenza ta' skambji, b'mod partikolari ta' messaġġi testwali, bejn il-Presidenta tal-Kummissjoni u l-President-Direttur Ġenerali ta' Pfizer fil-kuntest tax-xiri mill-Kummissjoni ta' vaċċini mingħand din il-kumpannija matul il-pandemija tal-COVID-19. Għaldaqstant, huma **rnexxielhom jikkonfutaw il-preżunzjoni ta' nuqqas ta' eżistenza u ta' nuqqas ta' pussess tad-dokumenti mitluba.**

Issa, f'tali sitwazzjoni, il-Kummissjoni ma tistax sempliċement issostni li hija ma għandhiex id-dokumenti mitluba iżda għandha tippreżenta spjegazzjonijiet kredibbli li jippermettu lill-pubbliku kif ukoll lill-Qorti Ġenerali jifhemu r-raġuni għalfejn dawn id-dokumenti ma jistgħux jinstabu. Il-Kummissjoni ma spjegatx fid-dettall it-tip ta' riċerki li hija għamlet sabiex issib dawn id-dokumenti, u lanqas l-identità tal-postijiet ta' fejn seħħew dawn ir-riċerki. Għaldaqstant, **hija ma pprovdietx spjegazzjoni plawżibbli sabiex tiġġustifika n-nuqqas ta' pussess tad-dokumenti mitluba.** Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma ċċaratx biżżejjed jekk il-messaġġi testwali kinux tħassru u, f'dan il-każ, jekk it-tħassir tagħhom kienx sar volontarjament jew awtomatikament jew jekk il-telefon ċellulari tal-Presidenta kienx laħaq ġie mibdul fil-frattemp.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni lanqas ma spjegat b'mod plawżibbli għalfejn hija qieset li l-messaġġi testwali mibgħuta

fil-kuntest tax-xiri tal-vaċċini kontra l-COVID-19 ma kienx fihom informazzjoni sostanzjali jew li teħtieġ segwitu tali li ż-żamma tagħhom għandha tiġi ggarantita.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Regolament \(KE\) Nru 1049/2001](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.